**FIL-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 1125/21 GM**

**Rikors Revoka fl-atti tal-kawża numru 1120/20GM**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 1964/2020, milqugħ fl-1 ta' Diċembru 2020 fl-ismijiet ta':**

**William Grech (K.I. nru. 0318963M)**

**vs**

**Joseph Grech (K.I. nru. 020873M)**
**u**
**Bryden Azzopardi (K.I. nru. 0104090M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Grech li permezz tiegħu qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex:

*1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru, fil-konfront ta' Joseph Grech, bin-numru 1143/2020 fl-ismijiet premessi b'mod sħiħ, u dan ai termini tal-artikolu 836(1) (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*2. Sussidjarjament tordna lis-sekwestrant William Grech sabiex, fit-termini tal artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti lis-*

*sekwestrat Joseph Grech, fi żmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax.*
*3. Tordna u tagħti dawk il-provedimenti kollha li din il-Qorti jidrilha opportun.*

Rat ir-risposta ta' William Grech li permezz tagħha qiegħed jopponi għat-talbiet.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel talba: Din hi magħmula taħt Art. 836(1d) u/jew (f) tal-Kap 12. Din qiegħda ssir abbażi ta' xhieda waqt il-kawża bejn il-partijiet quddiem din il-Qorti kif ippreseduta li skont is-sekwestrat turi li m'għandux x'jaqsam man-negozju in kwistjoni. Din il-Qorti iżda ma tistax taċċetta li tneħħi l-mandat fuq din il-premessa, għaliex jekk tagħmel hekk tkun qiegħda tippreġudika l-mertu. Iċ-ċirkostanza tal-imsemmija depozizzjoni ma tfissirx li mhux raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ.

Dwar it-tieni talba: Il-garanzija ma tinħariġx sempliċiment ghaliex is-sekwestrat qiegħed isofri disaġju minħabba l-mandat. Li kieku kien hekk din tinħareg ma' kull mandat kawtelatorju. Il-garanzija tinħareġ jekk jirriżulta lill-Qorti li hemm nuqqas ta' bona fede jew abbuż serju tal-proċedura – li ma jirriżultax fil-każ preżenti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent.

Mogħti kameralment illum 9 ta' Diċembru 2021.

ONOR. IMHALLEF
GRAZIO MERCIECA